# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 20 ta' Gunju, 2001.**

**Numru 29**

**Citaz. Nru. 689/01GV**

**Bonagel Ltd.**

**vs**

**Danbal Caterers Co. Ltd.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fis-somma ta' elfejn sitt mija u hamsa u tletin lira Maltin (Lm2,635) rapprezentanti prezz ta' merca mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta fir-restaurant bl-isem "*Timeo Restaurant*", fi Triq Ghar ix-Xama', Marsascala;

Premess illi dan il-kreditu tas-socjeta' attrici huwa cert, likwidu u dovut kif jirrizulta mid-dikjarazzjoni guramentata hawn annessa u mmarkata Dok. B1;

Premess illi ghalkemm interpellata sabiex thallas is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti;

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti:

1. Tiddecidi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini tal-artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civli (Kap. 12);

2. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn sitt mija u hamsa u tletin lira Maltin (Lm2,635) dovuta kif fuq intqal.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja datata 2 ta' Awissu, 1999 u bl-imghax kummercjali mid-data ta' kull konsenja sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat in-nota tas-socjeta' konvenuta li biha ammettiet it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tas-socjeta' konvenuta t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata; Fuq ammissjoni tas-socjeta' konvenuta tiddecidi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghaxijiet mitluba u bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**